MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2006

Talba Numru. 575/2004

**Vella Joseph**

**Vs**

**Scarpello Victor u b'digriet tal-5 ta' Dicembru, 2005 il-kunjom "Scarpello" gie sostitwit bil-kunjom "Scalpello"**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Marzu 2004 fejn l-attur talab sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm800 (tmien mitt Lira Maltin) dovuti ghal danni ikkagunati f'incident stradali li sehh nhar is-17 ta' Ottubru 2003 gewwa Santa Venera.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Il-konvenut huwa debitur tal-attur fis-somma ta' tmien mitt Lira Maltin (Lm800.00) jew somma ohra verjuri

rappresentanti danni li sofra l-attur meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru BBN 587 fis-17 ta' Ottubru 2003 gewwa Santa Venera habat mall-vettura numru BBO 251 propjeta ta' l-attur u ikkaguna danni f'din l-istess vettura. Dan l-incident huwa ghalih unikament responsabbli il-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat.

Bl-ispejjes, kontra l-konvenut u ta' Ittra Ufficjali ppresentata kontestwalment ma' dan l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, bl-imghax kontra l-istess konvenut mid-data tan-notifika ta' dan l-Avviz, li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Il-konvenut qieghed jikkontesta t-talbiet attrici ghar-ragunijiet segwenti:

1. Il-konvenut ma kienx negligenti u l-incident gara unikament tort tal-attur.
2. Danni kontestati.
3. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.
4. Il-konvenut jirrizerva d-drittijiet tieghu illi jagixxi ghall-hlas tad-danni sofferti minnu fl-istess incident mertu ta' din il-kawza.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi din il-kollizjoni tikkoncerna habta li saret fid-dhul tal-bokka tal-mina ta' Santa Venera li taghti fid-direzzjoni lejn ir-Regional Road.

Il-punt ta' kontestazzjoni bejn il-partijiet tal-kollizjoni hija kif effettivament grat il-hsara, haga li mhix gdida f'sitwazzjonijiet simili.

Antonella Vella s-sewwieqa tal-vettura attrici u l-passiggiera taghha Doriana Galea t-tnejn li huma jaqblu kif grat il-habta. Cioe` huma kienu fuq in-naha ta' barra

tal-karreggjata kif diehla fil-mina, kien l-irxix, gie l-konvenut minn wara u dahal fuqhom, taghhom daqqa fuq wara la genba, dawwarhom u spiccaw skontrati.

Il-konvenut da parti tieghu jallega li kien miexi fuq il-karreggjata interna, dik attrici fuq ta’ barra kif sostnew sia x-xufiera u sia l-passieggiera taghha, dina provat taghmel xi manuvra biex tidhol fil-karreggjata interna, laqatha u saret il-habta.

Ex admissis il-konvenut jallega li hu kien lura mill-vettura attrici. Jigi rilevat li dak inhar kienet l-irxix u allura t-triq tkun perikoluza u hawn huma n-nuqqas tal-konvenut, fis-sens illi qieghed wara diversi tulijiet ta’ karozza l-istess vettura attrici. Anki jekk ghall-grazzja tal-argument jekk ra forsi il-vettura ta’ l-attrici tizbanda kif qed jinghad, fl-aghar l-ipotezi biex jghati affidament il-versjoni konvenuta illi l-vettura attrici kienet qed tersaq lejn il-karreggjata tieghu, f’tali distanza huwa messu zamm aktar lura minghajr ma javvicinaha. Ma ghandhiex tigi invokata d-dritta peress li tkun fuq il-karreggjata ta’ gewwa u bil-manuvra taghha l-vettura attrici kienet ser tinvadi l-istess u allura messu qaghad aktar lura. Kellu vizwali mhux interrotta, u messu zamm “a safe distance”.

Di fatti d-daqqa tal-vettura konvenuta kif jidhru mir-ritratti hija fuq quddiem hafna fuq il-mudguard tal-lemin u fejn il-fanal. Ghandu jinghad pero` illi tali daqqa ma kenitx wahda zghira ghaliex l-istess ritratti il-hsara fil-vettura tieghu kienet estensiva ammontanti ghal aktar minn elf lira. Dana qed jinghad peress illi saret kawza ohra fl-ismijiet “Citadel Insurance vs Antonella Vella” (Avviz Nru 1105/04) liema kawza giet mismugha kontestwalment ma’ din il-kawza.

Anki l-vettura attrici sofriet danni konsiderevoli stante li giet iddikjarata “beyond economical repair” peress illi l-ammont ta’ hsara ta’ tmien mitt lira (Lm800) kien jeccedu l-valur ta’ l-istess vettura.

Il-quantum tad-danni tal-vettura attrici ma giex kontestat u ghalhekk qed jigi akkordat.

Jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ta’ l-istess kollizjoni u jikkundannah ihallas is-somma ta’ tmien mitt lira (Lm800), bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------